MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 619/2003/1

**Emanuel sive Noel Magri**

**v.**

**1. Magri & Zammit Holdings Limited**
**2. Magri & Zammit Operations Limited**
**3. Magri & Zammit Retail Limited**
**4. Anthony u Celine konjugi Magri**
**5. Stephen u Mary Grace konjugi Magri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili minn Emanuel sive Noel Magri li jghid hekk:
"Peress illi r-rikorrenti ghandu terz mill-azzjonijiet fil-kumpaniji intimati Magri & Zammit Holdings Limited, Magri & Zammit Operations Limited u Magri & Zammit Retail Limited, filwaqt li l-intimati Anthony u Celine Magri huma proprjetarji kollettivament ta’ terz ta’ l-ishma fl-istess kumpaniji, filwaqt li l-intimati Stephen u Mary Grace Magri huma proprjetarji kollettivament ta’ terz ta’ l-ishma fl-istess kumpaniji.

"Peress illi r-rikorrent huwa, flimikien ma’ l-intimati Anthony Magri u Stephen Magri, direttur ta’ l-istess kumpaniji Magri & Zammit Holdings Limited, Magri & Zammit Operations Limited u Magri & Zammit Retail Limited.

"Peress illi r-rikorrent huwa proprjetarju ta’ terz tad-drittijiet tal-*Partnerhsip* Kummercjali Magri & Zammit, filwaqt li l-intimati Anthony u Celine Magri huma proprjetarji kollettivament ta’ terz tad-drittijiet fl-istess *partnerhsip*, filwaqt li l-intimati Stephen u Mary Grace Magri huma proprjetarji kollettivament ta’ terz tad-drittijiet fl-istess *partnerhsip.*

"Peress illi l-kumpaniji intimati huma kollha kemm huma regolati bid-dispozizzjonijiet ta’ l-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpaniji.

"Peress illi originarjament, il-kumpaniji Magri & Zammit Operations Limited u Magri & Zammit Operations Limited u Magri & Zammit Holdings Limited, kif ukoll il-*Partnership* Magri & Zammit, gew originarjament kostitwiti bejn ir-rikorrent u l-intimati Anthony Magri u Stephen Magri, ilkoll ahwa, flimkien ma huhom iehor Louis Magri, biex dawn joperaw negozju li principarjament jitratta l-importazzjoni u l-bejgh ta’ hwejjeg, filwaqt li l-kumpanija Magri & Zammit Operations Limited kienet topera *coffee shop* u *restaurant.*

"Peress illi fl-1999, kienet saret qasma f’dawn il-kumpaniji, fejn, fost ohrajn kien gie miftiehem illi Louis Magri ma jibqax involut fil-kumpaniji Magri & Zammit Operations

Limited u Magri & Zammit Holdings Limitd u fil-*Partnerhsip* Magri & Zammit, filwaqt li l-intimati Anthony u Celine Magri jiehdu l-kumpanija Magri & Zammit Holdings Limited u ma jibqghux involuti fil-kumpanija Magri & Zammit Operations Limited u fil-*Partnerhsip* Magri & Zammit, u r-rikorrent flimkien ma' l-intimat Stephen Magri jibqghu shab b'sehem indaqs fil-kumpanija Magri & Zammit Operations Limited u fil-*partnerhsip* Magri & Zammit.

Peress illi ftit wara din id-divizjoni, l-intimati Anthony u Celine Magri flimkien mar-rikorrent u l-intimati Stephen u Mary Grace Magri, iddecidew li jergghu jissiehbu fin-negozju ta' bejniethom b'hekk illi kull parti jkollha terz mill-ishma tal-kumpaniji Magri & Zammit Operations Limited u Magri & Zammit Holdings Limited u terz mid-drittijiet fil-*Partnerhsip* Magri & Zammit, filwaqt li qablu wkoll li jikkostitwixxu kumpanija gdida bl-isem ta' Magri & Zammit Retail Limited.

"Peress illi in segwitu ta' din it-transazzjoni, kien gie miftiehem illi l-grupp kellu jikkoncentra fuq in-negozju principali tieghu, u *cioe*` l-importazzjoni u l-bejgh ta' hwejjeg, b'hekk illi anke l-*coffee shop* u *restaurant* li precedentement kienet topera l-kumpanija Magri & Zammit Operations Limited gie konvertit f'hanut tal-hwejjeg.

"Peress illi ftit wara li r-rikorrent u l-intimati Anthony u Celine Magri u Stephen u Mary Grace Magri regghu ssiehbu fin-negozju l-affarijiet tal-kumpaniji ntimati tmexxew, qeghdin jitmexxew u x'aktarx se jkomplu jitmexxew b'mod oppressiv, mhux gust, diskriminatorju kontra u b'mod mhux gust u ta' pregudizzju fil-konfront tar-rikorrent, u dan kontra l-provedimenti ta' l-Artikolu 402 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpaniji.

"Peress Illi fost l-ohrajn, l-intimati Anthony Magri u Stephen Magri fil-kapacita` taghhom ta' diretturi tal-kumpaniji ntimati qeghdin sistematikament jivvutaw kontra kull proposta mressqa mir-rikorrent, u fl-istess hin ir-rikorrent gie kompletament eskluz mit-tmexxija effettiva

tal-kumpaniji ntimati kif ukoll tal-*Partnerhsip* Magri & Zammit tant illi dan l-ahhar, b'decizjoni mehuda b'vot approvat miz-zewg intimati Anthony Magri u Stephen Magri kontra dak tar-rikorrent, ir-rikorrent gie ordnat jaghmel xoghol ta' *salesman* f'wiehed mill-hwienet li topera wahda mill-kumpaniji ntimati, u b'hekk intilfet kompletament il-"*personal relationship*" u l-"*mutual confidence*" li kienet il-bazi tan-negozzju bejn ir-rikorrent u l-intimati Anthony u Celine Magri u Stephen u Mary Grace Magri, kif ukoll gew kompletament newtralizzati l-interess u l-aspettattivi legittimi tar-rikorrent fil-kumpaniji intimati.

"Peress illi *in vista* ta' dawn ic-cirkustanzi, u cirkustanzi ohra kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, m'huwiex aktar opportun illi r-rikorrent u l-intimati Anthony u Celine Magri u Stephen u Mary Magri jibqghu shab fil-kumpaniji ntimati.

"Peress illi r-rikorrent ressaq skemi ta' divizjoni tal-kumpaniji intimati ghall-konsiderazzjoni ta' l-intimati l-ohra, u dawn l-istess skemi dejjem gew minghajr l-ebda raguni valida fil-Ligi rigettati mill-istess intimati.

"Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrent bir-rispett jitlob [recte: ir-rikorrenti bir-rispett jitolbu] li din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni u tipprovdi li:

"1. Il-kumpaniji ntimati jigu divizi taht is-supervizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti *a tenur* tal-provediment ta' l-Att dwar il-Kumpaniji, 1995; jew alternattivament

"2. Li l-azzjonijiet tar-rikorrent fil-kumpaniji ntimati jinxtraw mill-intimati jew mill-kumpaniji ntimati stess, u dan wara li ssir valutazzjoni gusta u reali ta' l-istess azzjonijiet, anke jekk ikun il-kaz, wara li jitqabdu periti teknici minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan; jew alternattivament;

"3. Li l-kumpaniji intimati jigu xolti u konsegwentament stralcati u dan taht dawk l-ordnijiet *a tenur* tal-provediment ta' l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji."

Rat ir-risposta ta' Stephen u Mary Grace konjugi Magri li in forza taghha eccepew illi:
"Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi ma hemm ebda fatt jew cirkostanza jew ommissjoni (kemm kif allegat mir-rikorrenti kif ukoll mod iehor) li tista' taghti lok ghal ordni taht l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpanija.

"L-esponenti jirrizervaw illi jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri u li jgibu provi taghhom waqt it-trattazzjoni tar-rikors."

Rat ir-risposta ta' Anthony u Celine konjugi Magri li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi l-allegazzjonijiet ventilati mir-rikorrent fir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li mhux minnu li l-affarijiet tal-kumpaniji involuti f'din il-vertenza tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx ser jitmexxew mill-esponenti b'mod li jinkwadra ruhu fid-dispost ta' l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji;

"2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji ma jikkontemplax ir-rimedju tad-divizjoni mfittex permezz ta' l-ewwel talba fir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri;

"3. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, m'hemmx lok li l-kumpaniji intimati f'dawn il-proceduri jigu xolti hekk kif mitlub fit-tielet talba tar-rikorrent;

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta ta' Anthony Magri u Stephen Magri fil-kariga taghhom rispettiva ta' diretturi u ghan-nom tas-socjetajiet Magri & Zammit Holdings Ltd, Magri & Zammit Operations Ltd u Magri & Zammit Retail Ltd., li in forza taghha wiegbu illi:
"Illi l-esponenti m'huma sorprizi xejn bl-intavolar tar-rikors u bit-talbiet da parti ta' Emanuel *sive* Noel Magri fil-

konfront tas-socjetajiet intimati, u dan ghal diversi ragunijiet li qed ikunu indikati aktar ‘il quddiem;

"Illi kontrarjament ghal dak iddikjarat mir-rikorrenti Emanuel *sive* Noel Magri fir-rikors promutur tieghu, l-esponenti jichdu bl-aktar mod kategoriku li s-socjetajiet intimati, li flimkien jistghu jissejhu bhala “Magri & Zammit Group”, *“tmexxew, qeghdin jitmexxew u x’aktarx se jkomplu jitmexxew b’mod oppressiv, mhux gust, diskriminatorju kontra u b’mod mhux gust u ta’ pregudizzju fil-konfront tar-rikorrent, kontra l-provedimenti ta’ l-Artikolu 402 ta’ l-Att ta’ l-1995 dwar il-kumpaniji;”*

"Illi *in vista* tac-cahda ddikjarata da parti ta’ l-esponenti, l-allegazzjonijiet da parti tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

"Illi qabel xejn irid jigi rilevat illi “Magri & Zammit Group” jiggestixxi sitt (6) hwienet ta’ l-abbiljament, liema hwienet jinsabu fil-lokalitajiet tal-Belt Valletta, tas-Sliema, f’B’Kara u fil-Hamrun, u jirrapprezentaw ditti ewlenin tal-moda, kemm tan-nisa u anke ta’ l-irgiel bhal ‘Sasch’, ‘Springfield’, ‘Wampum’, ‘Extyn’ u ‘Zip’;

"Illi l-esponenti jemmnu li l-intavolar tar-rikors odjern da parti ta’ Emanuel *sive* Noel Magri fil-konfront tas-socjetajiet intimati kien instigat biss mic-cirkostanzi tal-hajja privata ta’ l-istess Emanuel *sive* Noel Magri;

"Illi *di piu`*, in-negozju da parti ta’ ‘Magri & Zammit Group’ tmexxa fuq linji serji li b’esperjenza ta’ tisbih tajjeb f’suq li huwa kompetittiv ghall-ahhar, u fil-fatt, f’dawn l-ahhar xhur ma kienx hemm espansjoni bil-ftuh ta’ hanut iehor principalment minhabba l-problemi li gew ikkrejati bl-attitudini xejn responsabbli da parti ta’ Emanuel *sive* Noel Magri fil-konfront ta’ ‘Magri & Zammit Group’;

"Illi fil-verita`, Emanuel *sive* Noel Magri li kien u ghadu azzjonista ta’ terz mill-azzjonijiet fis-socjetajiet intimati, kif ukoll li kien u ghadu direttur fuq *bord* tad-diretturi tat-tliet socjetajiet intimati, ghandu relazzjoni *extra* maritali ma’ certu Sharon Cachia liema persuna ilha maghrufa lill-

esponenti *nomine* minn wara li r-rikorrenti kien issepara minn ma' martu;

"Illi fil-verita` Emanuel *sive* Noel Magri, ghal ragunijiet personali tieghu, kif ammetta huwa stess ma' l-esponenti *nomine*, kien wieghed negozju ta' l-abbiljament lil Sharon Cachia, u ried jaqtalha xewqitha akkost ta' kollox;

"Illi fil-verita` Emanuel *sive* Noel Magri, aktar minn sena ilu, kien ga beda jahseb u jhejji l-istrategija tieghu kif ser jiftah negozju ta' l-abbiljament li jkun gestit minn Sharon Cachia flimkien mar-rikorrenti, b'mod indirett;

"Illi fil-verita` tant kien effettivament ilu jahseb u jhejji l-istrategija tieghu illi kien sahansitra inkariga lill-avukat ta' fiducja ta' dak iz-zmien ta' Magri u Zammit Group', u *cioe`* lill-Avukat Dr. Ian Stafrace LLD, sabiex jaghtih pariri personali, bil-mohbi tad-diretturi u l-azzjonisti l-ohra ta' l-istess Group, dwar kif kellu jaghmel biex jilhaq l-iskopijiet tieghu r-rikorrenti;

"Illi fil-verita` Emanuel *sive* Noel Magri l-ewwel ma ghamel kien tentattiv biex jinghata permess mill-*bord* tad-diretturi sabiex jithalla jiggestixxi negozju ta' l-abbiljament separatament mill-bqija tan-negozju gestit minn Magri & Zammit Group, liema tentattiv fallielu wara li l-*bord* tad-diretturi ma accettax it-talba tieghu ghar-raguni li ma kienx accettabbli ghall-istess *bord* li wiehed mill-azzjonisti, ukoll direttur, jiggestixxi negozju, f'kompetizzjoni diretta man-negozju gestit minn 'Magri & Zammit Group'.

"Illi *di piu`*, it-tentattiv da parti ta' Emanuel *sive* Noel Magri kien aggravat *stante* li n-negozju ta' l-abbiljament li ried jistabbilixxi u jiggestixxi ma' Sharon Cachia mhux talli kien f'kompetizzjoni diretta ma' dak gestit minn 'Magri & Zammit Group' izda kien sahhansitra jinvolvi grupp ta' negozju Spanjol specjalizzat f'abbiljament li tieghu huma r-rapprezentanti esklussivi 'Magri & Zammit Group';

"Illi wara li fallielu t-tentattiv kif fuq spjegat, Emanuel *sive* Noel Magri biddel l-istrategija tieghu u nista' fuq il-qasma tan-negozju kollettiv gestit minn 'Magri & Zammit Group' u

dan mhux ghar-ragunijiet kontemplati fir-rikors promutur, izda sabiex huwa jkollu bizzejjed fondi biex jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu jew ahjar, il-weghda tieghu lejn Sharon Cachia u b'hekk tkun tista' tinqatalha xewqitha li jkollha hanut ta' l-abbiljament u tiggestih flimkien mar-rikorrenti Emanuel *sive* Noel Magri li minghajr dubju ta' xejn, ghandu hafna snin ta' esperjenza fuq is-suq ta' l-abbiljament minhabba l-fatt li kien u ghadu fomanti parti mill-"Magro & Zammit Group";

"Illi kien f'dan il-kuntest li Emanuel *sive* Noel Magri kien inkariga lill-Avukat Dr. Albert Grech LLD, sabiex jirrapprezenta '*by proxy*' f'kull laqgha li kienet qed tkun minghajr ebda raguni valida;

"Illi kif ser ikun rilevat waqt il-kawza, Dr. Albert Grech LLD ghamel hiltu kollha biex jippartecipa b'mod konkret u effettiv fil-laqghat diversi tal-*bord* tad-diretturi, izda kien limitat f'dak li kellu x'jaqsam man-negozzju gestit minn 'Magri & Zammit Group' u dan *stante* li kif kien jesprimi ruhu l-istess Dr. Grech, huwa ma kellux l-esperjenza li jiddeciedi dwar materja purament kummercjali fis-settur ta' l-abbiljament;

"Illi fil-verita` Emanuel *sive* Noel Magri kien innomina lill-Avukat Dr. Albert Grech LLD bhala direttur '*by proxy*' biex jattendi ghal-laqghat tal-*bord* tad-diretturi ta' Magri & Zammit Group', b'oggettiv principali; biex jevita jkun mistoqsi mill-istess *bord* tad-diretturi dwar l-agir tieghu rresponsabbli u abbuziv kontra l-interessi ta' negozju gestit mis-socjetajiet intimati f'dak li jirrigwardja 'Women's Secrets';

"Illi fil-verita` l-Avukat Dr. Albert Grech LLD, ma setax iwiegeb ghan-nom ta' Emanuel *sive* Noel Magri li kien ikun assenti fil-laqghat tal-*bord* tad-diretturi, u dan *stante* li ma kien jaf assolutament xejn dwar dak li kien qed jinnegozja l-istess Emanuel *sive* Noel Magri fuq id-ditta Spanjola 'Women's Secret';

"Illi fil-verita` Emanuel *sive* Noel Magri jidher li kien inkariga avukat iehor mhux lill-Avukat Albert Grech LLD dwar id-ditta Spanjola 'Women's Secret';

"Illi f'dan il-perijodu kollu Emanuel *sive* Noel Magri mhux biss naqas serjament milli jattendi u jippartecipa ghall-laqghat tal-*bord* tad-diretturi kif huwa obbligat li jaghmel *ai termini* tal-provedimenti ta' l-Att  dwar il-kumpaniji, tal-1995, izda addirittura agixxa direttament kontra l-interessi tas-socjetajiet intimati, billi kif ser ikun trattat fil-kawza rrizulta ampjament car li:

"1. Emanuel *sive* Noel Magri kien ikkomunika direttament mal-grupp ta' negozju Spanjol specjalizzat fl-abbiljament, li tieghu huma rapprezentanti esklussivi f'Malta 'Magri & Zammit Group' sabiex innegozja rapprezentanza tad-ditta ta' abbiljament intimu tan-nisa bl-isem 'Women's Secrets' u dan ghall-interessi tieghu personali u ta' Sharon Cachia;

"2. Emanuel *sive* Noel Magri mhux biss kien ikkomunika direttament mal-grupp Spanjol *de quo*, izda talli siefer personalment fuq spejjez ta' 'Magri & Zammit Group' sabiex jinnegozja r-rapprezentanza tad-ditta 'Women's Secrets' fl-istess zmien li 'Magri & Zammit Group' kien qed jiddiskuti l-eventwali rapprezentanti ta' l-istess ditta 'Women's Secrets' tant li kienet ga individwata l-lokazzjoni u l-hanut gestit minn 'Magri & Zammit Group' fejn kellhom jitqeghdu esposti l-proceduri ta' 'Women's Secret';

"3. Emanuel *sive* Noel Magri kien qed jagixxi bil-mohbi tad-diretturi l-ohra ta' Magri Zammit Group u *dunque* f'konflitt dirett u car kontra l-interess tali gestit taht l-isem 'Magri & Zammit" li Emanuel *sive* Noel bhala direttur ta' 'Magri & Zammit Group' kellu obbligazzjoni legali li jevita;

"4. Emanuel *sive* Noel Magri kien naqas milli jirrileva dak li kien qed jinnegozja direttament mal-Group tan-Negozju Spanjol u dwar id-ditta 'Women's Secrets' u sahhansitra, waqt li kien fuq xoghol ta' 'Magri & Zammit

Group’ fl-laqghat mal-Grupp ta’ negozju Spanjol, kien ukoll assistit minn Sharon Cachia;

"5. Emanuel *sive* Noel Magri agixxa ghal kollox abbuzivament u in konflitt tad-dmirijiet tieghu bhala direttur tas-socjetajiet intimati, meta nnegozja l-kirja ta’ fond kummercjali fi Triq Naxxar B’Kara f’liema fond, flimkien ma’ Sharon Cachia, u ftit tal-gimghat ilu, infetah il-hanut bl-abbiljament tan-nisa ‘Women’s Secrets’.

"6. Illi l-komunikazzjoni u t-trattativi mal-Group ta’ negozju Spanjol sehhew meta Emanuel *sive* Noel Magri kien afdat u inkarigat minn ‘Magri & Zammit Group’ bhala l-persuna responsabbli dwar tali rapprezentanza f’Malta u kien biss wara li accerta ruhu minn numru ta’ fatti, li l-*bord* tad-diretturi ta’ ‘Magri & Zammit Group’ kien iddecieda li Emanuel *sive* Noel Magri ma jkomplix fil-kariga tieghu *de quo*, u li jiddezisti milli jkompli jikkomunika mal-Group ta’ negozju Spanjol;

"7. Illi *di piu`*, wara li kienet ikkomunikata lilu tali decizjoni tal-*bord* tad-diretturi, Emanuel *sive* Noel Magri rriffjuta li jaghti sehmu f’hwienet ohra gestiti minn “Magri & Zammit Group’ u fil-fatt ghadu jirrifjuta sal-lum *nonostante* l-fatt li ghadu jircievi s-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) fix-xahar bhala renumerazzjoni mis-socjetajiet intimati;

"8. Illi konsegwenza tad-decizjoni da parti ta’ Emanuel *sive* Noel Magri li jirriffjuta li jaghti sehmu kif fuq spjegat, il-piz ta’ l-amministrazzjoni u tal-gestiment, tas-socjetajiet intimati spicca fuq iz-zewg diretturi l-ohra, u *cioe`* fuq Anthony Magri u Stephen Magri;

"9. Illi tali rifjut da parti ta’ Emanuel *sive* Noel Magri li jaghti sehmu fl-amministrazzjoni tan-negozju, kien intenzjonat sabiex l-istess Emanuel *sive* Noel Magri jkollu l-hin kollu disponibbli ghalih halli seta’ jikkonkludi r-rapprezentanza ta’ ‘Women’s Secret’, jiehu hsieb l-arrangamenti kollha mehtiega, inkluz dawk bankarji, kif ukoll ix-xoghlijiet relattivi fil-fond fejn, illum huwa gestit in-negozju ta’ ‘Women’s Secrets’;

"Illi l-agir irrisponsabbli da parti ta' Emanuel *sive* Noel Magri ma kienx limitat biss ghall-ftuh tal-hanut fuq imsemmi ma' Sharon Cachia;

"Illi Emanuel *sive* Noel Magri kien agixxa b'mod irresponsabbli f'diversi okkazzjonijiet, li jinkludu s-segwenti;

"1. Kien hajjar lil 'Magri & Zammit Group' jifthu '*coffee shop u restaurant*' bl-isem 'Sinatra' li kien gestit bi traskuragni mill-istess Emanuel *sive* Noel Magri u li sussegwentement spicca ghalaq, b'telf konsiderevoli ghal 'Magri & Zammit Group'; u

"2. Kien hajjar lil 'Magro & Zammit Group' isellfu eluf lil certu Silvio Naudi, liema flus jistghu jroddulhom is-salib *stante* li l-imsemmi Silvio Naudi maghruf li huwa fallut;

"Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, l-esponenti *nomine* umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2007, li in forza taghha ddisponiet mill-kawza fis-sens illi:
**"tichad ir-risposti tal-intimati kollha, u fil-waqt li tichad l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent peress li ma humiex applikabbli ghall-kaz in ezami tilqa' t-tielet talba tar-rikors promotorju fis-sens hawn deciz b'dan illi:-**

**"(3)** Tordna li skond id-disposizzjonijiet ta' **l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 168)** il-kumpaniji intimati u l-*partnerhsip* Magri & Zammit jigu xolti u dan ghaliex minhabba dak hawn deciz hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw tali xoljiment, b'dan li din il-Qorti tordna li r-Registratur tal-Qorti sabiex jaghti l-avviz ta' xoljiment ta' l-istess indikati socjetajiet u *partnerhsip* intimati lir-Registratur fi zmien 15-il gurnata mid-data ta' din id-decizjoni u ghal dan l-iskop tordna komunika ta' din id-decizjoni lir-Registratur tal-Qorti u din il-Qorti tinnomina bhala stralcarju lil Dr. Tiziana Filletti li ghandha tipprocedi

skond il-ligi a bazi tad-disposizzjonijiet tal-**Kap. 168 tal-Ligijiet ta' Malta** u a spejjez ta' l-istess azzjonisti ta' l-imsemmija socjetjiet u *partnerhsip* kwantu ghal terz ghar-rikorrenti, u kwantu ghal terz ghal Anthony u Celine konjugi Magri u kwantu ghal terz iehor ghal Stephen u Mary Grace Magri."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-kawza odjerna hija bbazata fuq l-**Artikolu 402 ta' l-Att XXV dwar il-Kumpaniji** tant li fir-rikors promotur ir-rikorrent Emanuel sive Noel Magri sostna li "l-affarijiet tal-kumpaniji intimati tmexxew, qeghdin jitmexxew b'mod oppressiv, mhux gust, diskriminatorju kontra u b'mod mhux gust u ta' pregudizzju fil-konfront tar-rikorrent, u dan kontra il-provedimenti ta' l-art. 402 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpaniji".

"Illi b'hekk ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti biex taghti l-provedimenti opportuni u ppropona tlett alternattivi u cioe` jew il-kumpaniji u l-*partnerhsip* hemm indikata jigu divizi taht is-supervizjoni tal-Qorti jew li l-azzjonijiet tieghu jinxtraw mill-intimati jew mill-kumpaniji jew alternattivament li l-kumpaniji jigu xolti u konsegwentement stralcati.

"Illi l-kumpaniji intimati permezz ta' risposta datata 4 ta' Dicembru 2003, cahdu dak kollu allegat mir-rikorrent u b'hekk sostnew li m'hemmx lok li tinghata l-ebda ordni taht **l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji** u dan ghal diversi ragunijiet indikati fir-risposti rispettivi taghhom.

"Illi fil-fatt l-istess socjetajiet intimati qed principarjament jallegaw li n-negozju tmexxa sew ghalkemm jikkoncedu li nqala' disgwid fit-tmexxija ta' l-istess socjetajiet u korpi kostitwiti peress li kien ir-rikorrenti li minhabba relazzjoni extra maritali li kellu ma' certu Sharon Cachia, kien intenzjonat li jiftah negozju ghall-istess fuq l-istess linja ta' xoghol li joperaw fiha s-socjetajiet intimati; jallegaw li sabiex jilhaq l-iskop tieghu dan inkariga lill-avukat tas-socjetajiet intimati Dr. Ian Stafrace sabiex jikkonsultah kif seta' jilhaq l-iskop tieghu; talab permess tal-Bord sabiex

igesti negozju iehor, izda meta dan gie negat lilu, dan ghen sabiex l-istess negozju gie gestit mill-habiba tieghu Sharon Cachia u dan billi din giet involuta f'negozju ma' ditta Spanjola li r-rappresentanta esklussiva taghha f'Malta kien proprju l-Grupp "Magri & Zammit" – wara dan ghamel it-tentattivi kollha sabiex ma jibqax fin-negozju mal-grupp mertu tal-kawza odjerna u dan allegatament sabiex ikollu fondi biex imexxi n-negozju l-iehor u ghaliex proprju kien diehel f'negozju in konkorrenza mas-socjetajiet mertu ta' dawn il-proceduri, appunta fil-posizzjoni tieghu sabiex jirrapresentah fuq il-Bordijiet tal-Kumpanija lill Dr. Albert Grech u b'hekk skond is-socjetajiet intimati evita li jirrispondi ghall-agir illegali tieghu; gie wkoll allegat li *tramite* avukat iehor ir-rikorrenti nvolva ruhu ghall-akkwist tad-ditta "Women's Secrets" u dan apparti li huwa personalment tratta man-negozju Spanjol sabiex ir-rappresentanza ta' l-istess ditta f'Malta inhadet minn din l-imsemmija Sharon Cachia bil-partecipazzjoni tieghu, u ghal dan il-ghan siefer sabiex jaghmel l-istess negozju fuq spejjez ta' Magri & Zammit Group u dan meta l-istess grupp kien interessat fl-istess ditta u b'hekk kien qed jagixxi bil-mohbi u in konflitt mal-grupp imsemmi; ghal dan l-iskop nnegozja l-kiri tal-fond kummercjali fi Triq Naxxar B'Kara u nfetah il-fond "Women's Secret" ma' l-istess Sharon Cachia; minhabba dan l-agir l-istess rikorrenti ma thalliex izjed fil-kariga tieghu u dan kien jinkludi li ma jikkomunikax mal-grupp tan-negozju Spanjol u b'reazzjoni r-rikorrenti lanqas ta s-sehem tieghu fil-hwienet ghalkemm baqa' jircievi l-ammont ta' Lm2,000 fix-xahar bhala remunerazzjoni mis-socjetajiet intimati indikati. B'hekk it-tmexxija effettiva baqghet f'idejn l-intimati Anthony u Stephen Magri u dan halla aktar hin lir-rikorrenti sabiex jiddedika ghan-negozju kompetittiv ta' "Women's Secrets"; barra minn dan l-istess rikorrenti induca lil grupp jifthu hanut bhala *coffee shop u restaurant* bl-isem ta' Sinatra li minhabba l-gestjoni hazina tar-rikorrenti ghamel telf sostanzjali u gie maghluq, u hajjar lil grupp isellef eluf lil Silvio Naudi, bniedem fallut. Dan kollu jinsab fir-risposta ta' l-intimati ffirmata minn Dr. Michael Tanti Dougall, *Company Secretary* wkoll ta' l-istess socjetajiet intimati.

"Illi mill-provi prodotti ma hux ikkontestat li r-rikorrenti Emanuel sive Noel Magri ghandu terz mill-azzjonijiet fil-kumpaniji intimati filwaqt li Anthony u Celine Magri ghandhom terz ta' l-ishma fl-istess kumpaniji, kif l-istess ghandhom Stephen u Mary Grace Magri. Apparti dan ir-rikorrent, flimkien ma' Anthony u Stephen Magri, huwa direttur ta' l-istess kumpaniji u cioe` Magri & Zammit Holdings Ltd, Magri & Zammit Operations Ltd u Magri & Zammit Retail Ltd.

"Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent spjega li originarjament Magri & Zammit Operations Ltd u Magri & Zammit Holdings Ltd kif ukoll il-*partnerhsip* “Magri & Zammit” gew kostitwiti bejn ir-rikorrent, l-intimati Anthony u Stephen u huhom l-iehor Louis biex dawn joperaw negozju li principarjament jitratta l-importazzjoni u l-bejgh ta' hwejjeg, filwaqt li l-kumpanija Magri & Zammit Operations Ltd kienet topera *coffee shop* u *restaurant.*

"Illi fl-1999 saret qasma f'dawn il-kumpaniji fejn fost ohrajn Louis Magri ma baqax involut fil-kumpaniji Magri & Zammit Operations Ltd, Magri & Zammit Holdings Ltd u fil-*partnerhsip* “Magri & Zammit” filwaqt li kien hemm tibdil iehor. Izda wara tali divizjoni l-intimati ddecidew li jergghu jissiehbu fin-negozju ta' bejniethom biex b'hekk kull parti jkollha terz mill-ishma tal-kumpaniji ezistenti u fil-*partnerhsip*, filwaqt li giet kostitwita kumpanija gdida bl-isem ta' Magri & Zammit Retail Ltd. Wara din it-transazzjoni gie miftiehem li l-grupp kellu jikkoncentra fuq in-negozju principali tieghu u cioe` l-importazzjoni u l-bejgh ta' hwejjeg, u l-*coffee shop* gie konvertit f'hanut tal-hwejjeg. Ftit wara, l-affarijiet tal-kumpaniji, r-rikorrent sostna li tmexxew, qeghdin jitmexxew u x'aktarx se jkomplu jitmexxew b'mod oppressiv, mhux gust, diskriminatorju kontra u b'mod mhux gust u ta' pregudizzju fil-konfront tieghu.

"Illi kien inghad li Stephen u Mary Grace Magri cahdu dak kollu allegat mir-rikorrent. Fuq l-istess linja kienet ir-risposta ta' Anthony u Celine Magri. Ir-risposta ta' Anthony u Stephen Magri, fil-kwalita` taghhom ta' diretturi u ghan-nom tas-socjetajiet intimati pprezentaw risposta fejn

cahdu l-allegazzjonijiet tar-rikors promotur u din giet indikata fid-dettal fl-istess risposta ffirmata minn dak li jidher almenu mill-minuti tal-Bord tad-diretturi tas-socjetajiet intimati esebiti b'nota tal-10 ta' Jannar 2006, bhala s-Segretarju ta' l-istess kumpaniji ntimati (fol. 70 sa 75 tal-process).

"Illi l-azzjoni mahsuba fl-**Artikolu 402 tal-Att XXV tal-1995** dwar il-Kumpaniji hija azzjoni ghall-harsien ta' azzjonist ta' kumpanija kontra pregudizzju mhux gust. Illi dan l-artikolu jiddisponi :-

*"“402 (1) Kull membru ta' kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista' jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu”.*

"Illi kif intqal fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **“Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Ltd et”** (A. C. - 9 ta' Marzu 2007 - Citaz. Nru.: 1511/2001):-

*"“…, l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa' lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita` li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta` li fiha huma jkollhom interess… - Omissis - ….din id-disposizzjoni, li hija bbazata fuq l-Art. 459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta' ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex ikun jista' jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta` partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista' jsofri, pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-*

*pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali ta' l-azzjonisti. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' possibilita`* ***("Vincent Monreal et v. Lino Delia noe")*** *deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Mejju, 1999). In fatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza fl-ismijiet* **Re: Bovey Hotel Ventures Ltd** [(1983) B.C.L.C. 290] *li 'the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned".*

"Illi fit-tezi **"The Unfair Prejudice Remedy Section 402 of the Companies Act 1995"** (Dr. Kevin Deguara, 2001) intqal :-

*"There are two component parts to the remedy. This first requires the shareholder to show that the conduct or likely conduct of the company is 'oppressive, unfairly discriminatory or unfairly prejudicial'. Secondly, the court must be satisfied that it is just and equitable to make an order".*

"Illi fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Philomena Ellul vs Charles Ellul *proprio et nomine et*"** (App. Civ Nru: 585/2000 – 31 ta' Jannar 2003) intqal li:-

""Fil-Ligi Ingliza (ara Art 459 tal-Companies Act, 1985) jinstab rimedju simili li hu maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta' l-Appell Ingliza stabbilit fil-kaz "in Re Saul D. Harrison & Sons plc ([1995]) 1BCLC 14)" il-linji ta' gwida dwar kif kellu jkun l-operat biex ikun jista' jigi kkwalifikat bhala, "unfairly prejudicial" (fit-test tal-Ligi Maltija din il-frazi hi tradotta "b'mod mhux gust ta' pregudizzju"). Wiehed kellu, fl-ewwel lok, jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpanija.

Izda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta' ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettattivi legittimi ("legitimate expectations") li r-rikorrent jista' jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut tas-socjeta`. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti. Fil-kaz Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd. ([1973] AC 360) Lord Wilberforce elenka numru ta' sitwazzjonijiet fejn dan ir-rimedju jista' jinghata (ara ibid proprio 379), sitwazzjonijiet dawn li x'aktarx jinstabu f' kumpaniji zghar privati li ta' sikwiet jissejhu "quasi partnerhsips", fosthom is-segwenti:-

*"(i) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence – this element will often be found where a pre-existing partnership has been converted into a limited company;*

*"(ii) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping members") of the shareholders shall participate in the conduct of the business;*

"(iii) *restriction upon the transfer of the members' interest in the company – so that if confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot take out his stake and go elsewhere".*

"Illi f'dan l-istadju jkun utili li tigi riprodotta hawn silta mill-ktieb ***"Ferrar's Company Law"*** (*3rd Edition* p.464) fejn dan il-kuncett hu spjegat b'mod lucidu u fejn l-applikazzjoni tad-dispozizzjoni relattiva hija maghmula kemm fil-konfront ta' dawn is-socjetajiet zghar privati (jew *quasi partnerhsips*) u kemm ukoll fil-konfront tas-socjetajiet akbar privati jew pubblici tant li jinghad li:-

*""The position will vary greatly from the small private companies, commonly called quasi-partnerships, to public companies of considerable size. As a quasi-partnership, the company will usually have been formed or continued*

*on the basis of a personal relationship involving mutual confidence. There may be an agreement or understanding that all or some of the shareholders are to participate in the conduct of the business. Restrictions on the transfer of shares will be the rule rather than the exception. The individuals involved may also have made relatively substantial capital contributions to the company. Shareholders in such companies will be a small close-knit group, actively involved in many instances in the day-today operations and financially and personally committed to the company. Here the scope for legitimate expectations beyond their strict legal rights is obviously greatest".*

"*"However, as Lord Wilberforce stressed in Ebrahimi v Westbourne Galleries Ltd, the case for giving effect to equitable considerations must be made in each instance and it is not sufficient simply to assert that the company is small or private, for in many cases the basis of the relationship will be adequately and exhaustively laid down in the articles. If it is so defined by the articles or, for example, by the articles supplemented by a shareholders' agreement, then there is little room for finding further legitimate expectations beyond those outlined in the documents".*

"*"The interests of shareholders in larger private and public companies, on the other hand, are likely to be quite different from those of shareholders in quasi-partnerships and considerably more restricted. In these larger companies there is usually no underlying personal relationship, employment is rarely an issue and the shareholders are more interested in such matters as dividend yield and capital appreciation than involvement in the day-to-day running of the company. If they become dissatisfied, especially if it is a public company, they can sell their shares and withdraw from the company. Here the members rarely have expectations beyond their strict legal rights as provided by the articles".*

*"“That is not to say that s. 459 does not apply to larger private companies and public companies for the section is clearly not limited to quasi-partnerships. The point is that it may be harder to establish conduct which is unfairly prejudicial to the interests of the members in such companies”.*

"Illi fl-istess sentenza l-Onorabbli Qorti rriaffermat li l-**artikolu 402** hu ispirat mhux minn koncetti legalistici izda minn principji ta' ekwita` u gustizzji li jirrikonoxxu l-interessi u l-aspettattivi legittimi li jmorru oltre' mill-kelma tal-istatut tas-socjeta` jew addirittura tal-ligi stess.

"Illi fis-sentenza **Re Bovey Hotel Ventures Ltd**, diga` citata, inghad:-

*"“The test of unfairness must, I think, be an objective, not a subjective one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have had the de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith; the test, I think, is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner's interests”.*

"Illi fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **“Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Ltd et”** intqal :-

*" “Fid-decizjoni **O'Neill v Phillips** moghtija mill-House of Lords fl-20 ta' Mejju 1999, gie ritenut illi l-legislatur ried illi biex jinghata rimedju taht l-artikolu jigi kkunsidrat il-kriterju ta' dak li huwa ‘fair'. Izda Lord Hoffman izid ighid li:-*

*"“Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities, its content will depend upon the context in which it is being used”*

*"Ikompli jispjega illi –*

*"“One useful cross-check in a case like this is to ask whether the exercise of the power in question would be*

*contrary to what the parties, by words of conduct, have actually agreed. Would it conflict with the promises which they appear to have exchanged. In Blisset vs David the limits were found in the 'general meaning' of the partnership themselves. In a quasi-partnership company, they will usually be found in the understandings between the members at the time they entered into association. But there may be later promises, by words or conduct, which it would be unfair to allow a member to ignore. Nor is it necessary that such promises should be independently enforceable as a matter of contract. A promise may be binding as matter of justice and equity although for one reason or another (for example because in favour of a third party) it would not be enforceable in law."*

*"Fl-istess decizjoni inoltre intqal li –*

"“The requirement that prejudice must be suffered as a member should not be too narrowly or technically construed”

"Illi huwa nteressanti dak li gie deciz fis-sentenza **“Loch v Blackwood”** ([1924] A.C. 783) fejn il-Qorti qalet li mhux rikjest *“a grave degree of misconduct”* biex taghti rimedju taht l-**artikolu 402.** Infatti *“the loss of confidence by the shareholders in the management of the company would be enough to constitute breach of duty by the company directors”.*

"Illi mhux hekk biss izda din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament importanti li ghamlet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **“Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Limited et”** (A.C. – 9 ta' Marzu 1997) fejn inghad li l-**artikolu 402** jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesgha lill-Qorti u dan ghaliex il-provedimenti li jinghataw ghandom l-intiza li jipprotegu lill-azzjonisti ta' l-istess socjeta`, partikolarment dawk li jinsabu f'minoranza u b'hekk jinsabu f'impossibilita` li jirregolaw il-mod li tkun miexja l-istess socjeta`; izda mhux biss izda meta ghamlet riferenza ghall ***Palmer's Company Law*** (Vol. 1 – pg.988 – 989) sostniet li din il-ligi:-

"*"Appears to give the shareholder a procedurally easy way of complaining about unfair action on the part of the controllers of his company. Part XVII is likely to be particularly heavily used in disputes arising in small companies……. Theoretically it would even be possible for the remedies of Part XVII to be available to a majority of shareholders who complain of unfair treatment by a minority, e. g. if a minority blocks a special resolution".*

"Illi fil-kaz odjern is-socjetajiet Magri & Zammit Holdings Ltd, Magri & Zammit Operations Ltd u Magri & Zammit Retail Ltd twaqqfu bejn l-ahwa Magri u l-konjugi rispettivi taghhom biex b'hekk ir-rikorrent Emanuel sive Noel Magri ghandu terz mill-ishma, filwaqt li l-intimati Anthony u Celine Magri, u Stephen u Mary Grace Magri ghandhom terz kollettiv rispettivament. L-istess japplika ghall-*partnerhsip* kummercjali Magri & Zammit. Ir-rikorrent, Anthony u Stephen Magri huma wkoll id-diretturi tal-imsemmija kumpaniji.

"Illi r-rikorrenti sostna li l-intimati hutu fil-kapacita` ta' diretturi tal-kumpaniji bdew sistematikament jivvutaw kontra kull proposta mressqa minnu, u huwa gie eskluz kompletament mit-tmexxija effettiva tal-kumpaniji ntimati kif ukoll tal-*partnerhsip* Magri & Zammit tant illi b'decizjoni mehuda b'vot approvat miz-zewg intimati, huwa gie ordnat jaghmel xoghol ta' *salesman* f'wiehed mill-hwienet li topera wahda mill-kumpaniji ntimati, u b'hekk intilfet il-*personal relationship* u l-*mutual confidence* li kienet il-bazi tan-negozju ta' bejniethom biex b'hekk gew newtralizzati – interess u l-aspettativi legittimi tieghu.

"Illi jirrizulta wkoll li meta xehed *viva voce* r-rikorrent sostna wkoll li minn mindu pprezenta r-rikors odjern wiehed mid-diretturi, Anthony Magri, issa qed jaqbel li l-kumpaniji ghandhom jigu divizi ghax anki fuq affarijiet bazici mhux qed jaqblu u b'hekk il-*business* huwa stagnat. Sahanistra jinghad li l-intimat Anthony Magri infatti kkonferma dan u qabel mal-pjan ta' divizjoni pprezentat minn Noel Magri u dan ghalkemm jidher li xorta wahda ma

qabilx mal-kontenut tar-rikors tar-rikorrenti, almenu ghal mod kif l-istess rikorrenti jghid li graw l-affarijiet.

"Illi f'dan l-istadju ssir riferenza mill-gdid ghar-risposta tal-kumpaniji ntimati u ta' Stephen Magri u Anthony Magri, bhala diretturi fejn cahdu kategorikament l-allegazzjonijiet tar-rikorrent *stante* li sostnew li l-intavolar tar-rikors kien instigat mic-cirkostanzi tal-hajja privata ta' Emanuel sive Noel Magri. Kif inghad huma sostnew li huwa kien ilu jhejji strategija dwar kif ser jiftah negozju tal-abbiljament biex ikun gestit mit-tfajla tieghu, flimkien mieghu, b'mod indirett. Infatti huwa l-ewwel talab permess mill-bord tad-diretturi sabiex jithalla jiggestixxi negozju tal-abbiljament separatament mill-bqija tan-negozju gestit izda l-bord tad-diretturi ma accettax din it-talba *stante* li dan kien ikun f'kompetizzjoni diretta man-negozju taghhom. Mhux talli dan in-negozju li ried jiggestixxi kien f'kompetizzjoni diretta, izda kien jinvolvi grupp ta' negozju Spanjol li tieghu Magri & Zammit Group huma r-rapprezentanti esklussivi.

"Illi f'dan il-kuntest inkariga lill-Avukat Dr Albert Grech sabiex jirraprezentah *by proxy* f'kull laqgha tal-bord tad-diretturi ta' Magri & Zammit Group, izda l-istess Dr Grech ma kien jaf xejn dwar dak li kien qed jinnegozja Noel Magri fuq id-ditta *Women's Secrets.* F'dan il-perjodu Noel Magri mhux biss naqas milli jattendi u jippartecipa ghal-laqghat tal-bord tad-diretturi izda agixxa direttament kontra l-interessi tas-socjetajiet intimati.

"Illi Noel Magri in kontro-ezami cahad tali allegazzjonijiet b'mod partikolari li l-problemi nqalghu ghaliex huwa kien avvicina il-grupp ta' Springfield biex jiftah negozju ghal rasu. Huwa qal li qatt ma avvicina d-ditta ta' barra biex jibda *business* ghal rasu ghaliex id-ditta ta' barra kienet tat preferenza lil Magri & Zammit u ma kenitx tiddiskuti ma' individwi. Huwa spjega li meta d-ditta barranija approcjaw lil huh li kien responsabbli l-ewwel ma tahomx, imbaghad baghtulu t-tieni *e-mail*, tawh zmien u ma rrispondihomx. Meta r-rikorrent ra dan huwa kellem lid-ditta Spanjola u qalilhom li xtaq li ma jaghtuhiex lill-kompetitur taghhom u ghalhekk ipproponilhom lil Sharon Cachia li dak iz-zmien

kienet it-tfajla tieghu. Anthony Magri pero` xehed li Noel Magri kien qalilhom li ried il-*Women's Secrets* ghax kellu bzonn il-flus izda hutu qalulu li kellhom dritt daqsu. B'hekk Anthony Magri issuggerixxa li jaghmlu pjanta ta' Malta, itellghu bix-xorti u skond min jitla' jaghzel liema naha. Noel Magri qabel mieghu izda Stephen Magri ma riedx.

"Illi saret ukoll allegazzjoni li Stephen Magri mhux qed jithallas u fil-fatt dan mhux kontestat. Noel Magri xehed li biex jiffirmalu cekk huwa jrid ikun jaf x'inhi r-responsabbilta` ta' huh li ghalkemm mitlub biex ighidilhom qatt m'ghamilha. Skond ir-rikorrent, Stephen Magri qed jonqos mid-doveri tieghu. Rigward l-allegazzjoni tas-Lm65,000 li ngibdu minn kont tal-kumpanija minn Noel u Anthony kull wiehed, kemm ir-rikorrent kif ukoll Anthony Magri jghidu li bhal ma kellhom dritt huma jaghmlu dan anki Stephen Magri kellu dritt ghalihom u seta' hadhom. Kien huwa li ma riedhomx. Illum qed isostni li biex l-intimat Stephen Magri jiehu l-istess ammont, dan ghandu jippresenta l-*accounts* tas-socjetajiet indikati kif suppost. Jinghad li mix-xhieda kemm tar-rikorrent kif ukoll ta' Anthony Magri jirrizulta li l-ahhar *accounts* approvati tal-kumpaniji kienu tas-sena 2002 u ghalkemm il-Bank talabhom dawk sussegwenti ghall-istess, dawn ma gewx ipprovduti mill-intimat Stephen Magri li lanqas ikkopera maghha u fil-fatt marru huma t-tnejn ikellmu lill-Bank.

"Illi Stephen Magri fl-affidavit tieghu allega diversi affarijiet fuq Noel Magri fosthom li kien mohhu fl-affarijiet personali tieghu u b'hekk l-attenzjoni tieghu ma kenitx fuq in-negozju ta' Magri & Zammit u ta' spiss kien jillarga minn fuq il-post tax-xoghol minghajr hadd ma jkun jaf fejn mar. Fis-sena 2000 giet iffurmata s-socjeta` Magri & Zammit Retail Ltd.

"Illi f'dan il-perjodu l-Grupp, skond huwa, kompla jissahhah, jorganizza u jinvesti. Anki mil-lat ta' amministrazzjoni kien sar investiment. Huwa jsostni li minhabba li fis-sena 2001 ir-relazzjoni extra-maritali ta' Noel Magri waslet f'punt kritiku bdew sensiela ta' manuvri kontrih u huh Anthony Magri sabiex jiftah ghal rasu bid-ditta *"Women's Secrets".* Huwa rrefera ghal diversi minuti

ta' *board meetings* li saru fosthom dik tad-29 ta' April 2003 fejn gie deciz li Noel Magri ma jibqax imexxi l-*franchise* ta' Springfield u li jigi moghti nkarigu alternattiv.

"Illi in kontro-ezami Stephen Magri xehed li r-responsabbilta` tieghu principali fil-kumpanija Magri & Zammit kienet li jiehu hsieb id-*day to day running* ta' l-ufficcju. Dwar l-*accounts* kien hemm impjegat responsabbli li kien jaqa' tahtu direttament. Meta kellu ic-cavetta tas-*safe,* qabel ma ta lil hutu, kienet tkun ghandu u allura kkonferma illi f'dak iz-zmien hutu dejjem fdawh fl-amministrazzjoni finanzjarja tal-kumpanija. Huwa kkonceda wkoll li minhabba dan id-disgwid ir-rizultati tal-kumpaniji fis-sena 2005 kienu anqas tajba mis-soltu.

"Illi huwa ta wkoll spjegazzjoni ta' x'gara fuq il-hanut *Women's Secrets* u jsostni li fil-fatt kienet dejjem l-intenzjoni tar-rikorrenti li jiftah negozju ghall-habiba tieghu u jallega li ghalkemm l-istess *franchise* kienet offruta lis-socjetajiet taghhom, din fil-fatt inhadet mill-istess persuna ndikata *tramite* kumpanija li ghandha kontroll taghha u dan bl-intervent tar-rikorrenti. Ma hemmx dubju li din l-allegata konkorrenza u l-intervent tar-rikorrenti fl-istess, anke jekk tigi accettata t-tezi tieghu, kien lok ta' disgwid bejn l-azzjonisti ta' l-istess socjetajiet, tant li dan wassal ghal disgwid serju bejniethom, fejn l-intimati odjerni, kien bdew jissusspettaw f'kull ma' kien qed jaghmel ir-rikorrenti, tant li waslu sabiex jikkontrastawh fuq kollox, u tilfu l-fiducja ta' bejniethom, tant li dan anke wassal sabiex isir bdil anke fl-avukati li kienu jirrappresentaw l-istess kumpaniji, kif l-intimati stess stqarru u kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti, u wkoll sabiex r-rikorrenti tnehhewlu l-inkarigi li kellu u gie prattikament eskluz mill-gestjoni ta' l-istess negozji – dan ghaliex sad-data meta sar ir-rikors jidher li l-azzjonisti l-ohra tas-socjetajiet intimati ma kellhomx fiducja fih.

"Illi din baqghet il-posizzjoni ta' l-intimat Stephen Magri sallum tant li huwa xehed li kif inhuma llum fil-prezent l-affarijiet mhux lest li jinvesti. Fuq kollox jidher li ma hemm fiducja ta' xejn bejn l-istess azzjonisti u ma hemm l-ebda triq li l-istess azzjonisti jistghu jaqblu dwar tant li l-istess

imsemmi ntimat ma qabel ma l-ebda wahda mill-proposti mressqa ghad-divizjoni u dan ghaliex qed isostni li jekk isir dan ikun hemm zvalutar tal-valur tal-*franchises* u difficli biex tifridha. Huwa lanqas qabel li l-istess socjetajiet u *partnerhsips* jigu likwidati u lanqas li huwa jixtri lill-azzjonijisti l-ohra.

"Illi fil-verita` jinghad li dak li huwa ndikat bhala pjan ta' qasma gie ppreparat biss fuq rikjesta ta' tnejn mill-azzjonisti ndikati u l-azzjonista l-iehor lanqas biss gie konsultat, dan minkejja li l-persuna li dderigiet l-istess, Raphael Aloisio, li jidher li kien imqabbad professjonalment sabiex jghamel xoghol ghall-kumpaniji. Apparti minn dan jidher li l-istess persuna pprezentat diversi pjani hekk msejjha ta' qsim minghajr ma kien hemm ebda *workings* ta' l-istess u fl-istess ghazliet jidher li ha biss in konsiderazzjoni t-titolu ta' proprjeta`, l-livel ta' bejgh u l-kobor ta' l-*outlets* minn fejn joperaw l-istess socjetajiet, bla ebda kwantifikazzjoni tal-valur ta' *brands* li l-istess socjetajiet jippossjedu li certament ghandhom valur.

"Illi mhux hekk biss izda fil-kontro-ezami tieghu l-istess xhud qal li fil-fatt il-pjan tieghu jipprospetta biss dak li huwa sejjah bhala *"options kollha vagi"* u dan peress li huwa sostna li dak li effettivament huwa ppropona bid-dokument "NM 1" (fol. 93) tad-ditta Deloitte & Touche datat 12 ta' Gunju 2006 u ndirizzat biss *"Mr. Noel and Mr. Tony Magri"* (li fih xejn inqas minn hames *options*) *"ma kienx pjan ta' divizzjoni imma huwa ovvjament bazi ta' kif tista' ssir, a starting point, u kwazi kwazi point, nahseb izjed biex il-partijiet koncernati jistghu, kif fhimtha jien, jistghu jduru ma' mejda biex jippruvaw isibu xi haga li taghmel sens ghal kulhadd".*

"Illi dwar dan din il-Qorti thoss, li tkun xi tkun id-decizjoni taghha fuq il-bazi tar-rikors promotur, certament li l-alternattiva suggerita dwar divizzjoni, proprju fuq dan id-dokument, ma tistax tigi accettata, minhabba diversi ragunijiet, fosthom li sar biss fuq struzzjonijiet ta' whud biss mill-azzjonisti ta' l-istess socjetajiet u partijiet f'dawn il-proceduri, ma jipprovdi xejn definittiv, izda biss diversi

suggerimenti, li sa certu punt lanqas hemm spjegazzjoni kif saru tali xelti, u lanqas hemm *workings* taghhom ibbazat fuq xi dokumentazzjoni li turi l-posizzjoni ta' kull socjeta` u l-introjtu u l-*performance* taghha u ghalhekk il-valur taghha, tenut kont ta' dak kollu li l-istess socjetajiet attwalment jippossjedu bhala assi u l-passiv ta' l-istess.

Illi mhux hekk biss izda fuq kollox il-persuna li rredigiet l-istess suggeriment ta' qasma ndikat li dan il-process bhala wiehed indikattiv intenzjonat sabiex iwassal lill-partijiet sabiex jibdew jiddiskutu l-proposti fuq mejda ghalkemm tali dokument fih innifsu meta naghta ma jghid xejn minn dan. Ovvjament a bazi ta' din ix-xhieda ta' Raphael Aloisio moghtija fit-23 ta' Novembru 2006, din il-Qorti thoss li certament li l-alternattiva ta' divizzjoni tista' biss tigi michuda minn din il-Qorti kif fil-fatt qed isir.

"Illi wara li nghad dan kollu jibda biex jinghad, anki abbazi tas-sentenzi fuq citati, li huwa bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista' jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li fiha jkollu interess. Tali prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' probabbilta`. Inoltre mhux necessarju li jigi ppruvat li l-att jew l-ommissjoni sar b'xi intenzjoni hazina.

"Illi jinghad li ghalkemm il-*Memorandum and Articles* tas-socjetajiet indikati ma gewx prezentati fl-opinjoni ta' din il-Qorti s-socjetajiet intimata jikkwalifikaw bhala *quasi-partnerhsip* u allura r-rikorrent kellu certu aspettattivi minnhom. Irrizulta car mill-provi li l-*mutual confidence* kif ukoll l-aspettativi personali ta' l-azzjonisti fil-kumpaniji ntimati spiccat ghall-kollox. Infatti kemm ir-rikorrent, kif ukoll Anthony Magri u Stephen Magri rrikonoxxew li m'hemmx komunikazzjoni bejniethom. Irrizulta li m'huma jaqblu f'xejn anki ghal dak li jirrigwarda d-*day to day running* u t-tmexxija tan-negozju.

"Illi jinghad ukoll li ghalkemm fil-kors tal-proceduri Anthony Magri llum jidher li biddel il-posizzjoni tieghu fis-sens li qed jaqbel ma' huh Noel Magri li *stante* li l-affarijiet mhux qed jimxu sew l-uniku triq hija li ma jibqghux aktar flimkien, huwa rilevanti li jigi ossevat li meta l-istess

Anthony Magri gie mistoqsi jekk hux minnu li huwa u Stephen Magri kienu jivvutaw sistematikament kontra kull proposta mressqa minn Noel Magri huwa qal li kienu jivvutaw skond kif kienu jirrikjedu c-cirkostanzi ta' dak iz-zmien, b'dan ghalhekk li jirrizulta lil din il-Qorti li fis-socjetajiet indikati kien hemm zewgt azzjonisti li kienu qed jagixxu bil-mod indikat mir-rikorrenti fir-rikors promotorju.

"Illi Anthony Magri fix-xhieda tieghu in kontro-ezami iccara wkoll li huwa minnu li Noel Magri talab il-permess biex jiftah negozju ghal rasu, izda wara li din giet rifjutata u Anthony Magri ppropona mod iehor Noel Magri accetta izda Stephen Magri le. Mhux talli hekk talli gie ppruvat li Noel Magri kien tnehha mill-inkarigu tieghu ta' Springfield ukoll u gie eskluz minnu. Saru diversi allegazzjonijiet li Noel Magri agixxa minn wara dahar id-diretturi l-ohra biex jiehu d-ditta *Women's Secrets*.

"Illi din il-Qorti thoss li dak li jirrizulta mill-proceduri odjerni huwa li l-*mother company* li kellha l-brand bl-isem ta' *"Women's Secrets"* offriet din il-*franchise* lil Magri & Zammit meta baghtet e-mail lil Stephen Magri (Dok. "IS"), taghtu zmien ghal risposta u ma rrispondiex u dan kif ammetta huwa stess in kontro-ezami. Ghalkemm qal li Noel Magri kellu jkellimhom fuq hekk waqt li kien Spanja fuq xoghol izda huwa ferm inverosimili li jekk Magri & Zammit riedet verament il-*franchise* li Stephen Magri ma qabadx u kkomunika dan mill-ewwel b'e-mail. B'hekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li jidher li l-istess imsemmi azzjonista ma riedx li l-kumpaniji intimati jakkwistaw l-istess *brand* u dan proprju minhabba li jirrizulta li l-azzjonijisti kienu gja tilfu l-fiducja f'xulxin, u allura kienu f'diffikulta` sabiex ikomplu jiehdu decizjonijiet anke dwar n-negozju ta' l-istess socjetajiet.

"Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li gie ppruvat li kollox kien ghadu 'l boghod minn konkluzjoni ta' ftehim ghaliex lanqas pjanijiet *per se'* ma kien hemm wisq anqas *projections* b'dan li jidher li l-istess socjetajiet intimati, anke minhabba id-disgwid li kien hemm bejniethom, ma kienux f'posizzjoni li joffru front wiehed ghall-interess ta' l-istess socjetajiet

innifishom, u dan wassal sabiex l-istess socjetajiet baqghu lura u ma nhaditx decizjoni dwar l-istess brand.

"Illi f'dan ic-cirkostanzi jidher li r-rikorrenti Noel Magri uza il-konoxxenzi li kellu mal-imsemmija ditta biex ladarba Magri & Zammit ma haditx il-*franchise,* din ma tmurx ghand persuni ohra izda tittiehed minn persuna li kienet vicin tieghu, l-indikata Sharon Cachia. Biss dan jidher li sehh proprju minhabba d-disgwid li kien hemm u kien gja` ezistenti bejn l-istess azzjonisti. Disgwid li fil-verita kien ilu zmien sejjer tant li Stephen Magri allega li Noel Magri sa mill-1995 kien jittraskura d-doveri tieghu, ghalkemm mbaghad fis-sena 2000 ifforma mieghu l-kumpanija Magri & Zammit.

"Illi bla ebda dubju rrizulta li bejn l-azzjonisti l-posizzjoni attwali hija li m'hemm qbil fuq xejn, li sahansitra wassal sabiex ghal *board meetings* qed jattendu l-avukati rispettivi tad-diretturi minflokhom bil-konsegwenza li numru ta' decizjonijiet ma jkunux jistghu jittiehdu. Lanqas l-*accounts* ta' l-ahhar erba' snin ma saru u dan qed jikkrea problemi anke mal-Bank. F'dan l-istat hadd mid-diretturi ma huma lanqas lesti li fic-cirkustanzi jibqghu jinvestu fil-kumpaniji. Irrizulta wkoll li fl-ahhar *board meeting* li d-diretturi attendew personalment gew fl-idejn. Fil-fatt kull wiehed mid-diretturi, fejn jista' qed jiehu d-decizjoni unilaterali u min rajhom minghajr ma jsegwu l-proceduri stabbiliti.

"Illi dan wassal ghal sensiela ta' azzjonijiet minn azzjonista kontra l-iehor, inkluz l-eskluzzjoni tar-rikorrenti mill-posizzjonijiet li kien jokkupa fl-istess socjetajiet, nuqqas ta' trasperanza fl-operat tal-partijiet bhala diretturi tas-socjetajiet indikati, nuqqas ta' hlas ta' somom lill-azzjonisti u partikolarment lil Stephen Magri, nuqqas ta' presentazzjoni ta' *audited accounts,* nuqqas ta' osservanza ta' proceduri tal-kumpanija, disgwid kontinwu waqt il-*board meetings*, meta l-istess jattendu, bdil ta' alleanzi, u wkoll nuqqas ta' ppjanar fl-istess negozji li jgestu l-istess socjetajiet u dan peress li ntilfet kull fiducja li hemm bejn l-azzjonisti u l-interess tas-socjeta` ma ghadux l-iskop ta' kull azzjonist, b'dan li huwa car li kull

azzjonist, inkluz ovvjament ir-rikorrenti qed isofri pregudizzju serju u ma hemmx dubju li dan kien il-kawza ghaliex gie pprezentat ir-rikors odjern. M'hemmx dubju ghalhekk li r-rekwisiti ghall-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 402** jezistu u dan peress li l-agir li sehh kien ta' pregudizzju ghall-interessi ta' l-azzjonista minoritarju, u fil-fatt jidher li minhabba dan id-disgwid kollu, ikkonfermat mill-istess intimati u wkoll mis-segretarju ta' l-istess socjetajiet, anke fir-risposta tieghu fuq riportata, jidher li l-istess azzjonisti la jridu u lanqas jistghu jahdmu flimkien ghaliex kull element ta' affidabbilita` u konfidenza f'xulxin spiccat, b'dan li r-rikorrenti sabiex ghamel dawn il-proceduri spicca li ma ghandu ebda sahha fid-decizjonijiet ta' l-istess socjeta` u dan bi pregudizzju ghalih. Mhux biss izda minhabba d-disgwid li kompla jinqala' bejn l-istess azzjonisti, dan qed jippregudika l-operat ta' l-istess socjetajiet, fejn jidher car li kull azzjonista qed imur ghal rasu u lanqas biss qed jikkonsidraw li l-istess socjetajiet jistghu jmorru b'xi mod il-quddiem, u dan iktar huwa serju meta l-istess azzjonisti huma membri ta' l-istess familja, u r-relazzjoni taghhom kien mibnija fuq l-element ta' kunfidenza reciproka f'xulxin – kunfidenza li llum spiccat ghal kollox, u dan jidher li huwa koncess minn kull parti fil-kawza, b'dan li din il-Qorti ma tistax tara kif l-istess socjetajiet u *partnership* jistghu jimxu l-quddiem, la darba r-relazzjoni bejn il-kontendenti spiccat tant li r-rikorrenti gie eskluz mit-tmexxija ta' l-istess socjetajiet.

"Illi ghalkemm jidher li fil-mori l-alleanzi nbidlu u dan anke ppruvat mill-fatt innifsu li Stephen Magri mhux qed jithallas ghax l-ohrajn isostnu li mhux qed jaqdi dmirijietu, dan jipprova li kemm qabel u kemm fil-mori ta' dawn il-proceduri fil-kumpaniji u fil-*partnerhsip* relattivi qed jirrenja suspett wiehed fuq l-iehor, m'hemmx fiducja f'xulxin u kwindi kollox jinsab stagnat. B'hekk l-assjem tal-provi juru li s-sitwazzjoni kif inhi n-negozju qed ibati u ser ikompli jbati. Ovvjament dan il-fatt qieghed u se jirreka pregudizzju mhux biss ghar-rikorrent izda ghal kull wiehed mill-azzjonisti.

"Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fil-kaz odjern hemm lok ghall-applikazzjoni tal-**Artikolu 402** ghar-ragunijiet fuq

premessi u dan ghaliex l-elementi ta’ l-istess kif fuq indikati gew sodisfati ghaliex inhadu decizjonijiet bi pregudizzju tar-rikorrenti, u fic-cirkostanzi jirrizulta li fil-verita` ma hemmx triq ohra hlief li jittiehdu r-rimedji ndikati skond il-ligi, peress li jidher car li l-azzjonisti tilfu full fiducja f’xulxin.

"Illi ghalhekk jifdal ghalhekk il-kwistjoni ta’ x’rimedju ghandha tordna din il-Qorti. Ir-rikorrent u llum flimkien ma’ l-intimat Anthony Magri qed jitolbu li tigi ordnata d-divizjoni tal-kumpaniji ntimati flimkien mal-*partnerhsip*. Ir-rikorrent ipprezenta pjan ta’ divizjoni kemm ghal dak li jirrigwarda l-valur tan-negozju u tal-proprjetajiet kif ukoll rapport ta’ Deloitte & Touche li ppropona diversi opzjonijiet ta’ divizjoni. Ir-rikorrent u l-intimat Anthony Magri sostnew li l-ahjar opzjoni hija dik indikata bl-ittra A.

"Illi fic-cirkostanzi fuq imsemmija u gja spejgati din il-Qorti ma thossx li d-divizjoni hija l-ahjar triq – anzi din il-Qorti thoss li hija ma tistax tapprova tali hekk imsejjah pjan, li lanqas kien intiz bhala bazi ta’ divizzjoni minn min irredigieh, izda fi kliemu stess biss bhala mezz sabiex iwassal lill-partijiet sabiex jpoggu sabiex jiddiskutu – f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li kieku kellha tapprova l-istess pjan, zgur li minhabba l-mankanzi tieghu kienu ser jinqalghu problemi ohra bejn l-azzjonisti u dan apparti li jidher car li bejn l-istess partijiet hemm disgwid serju fuq l-istess.

"Illi minn naha l-ohra jirrizulta li hadd mill-azzjonisti mhu f’posizzjoni li jixtri sehem hutu, u allura din il-Qorti thoss li ma ghandha l-ebda xelta ohra hlief li tiddeciedi li l-kumpaniji ntimati flimkien mal-*partnerhsip* ghandhom jigu xolti u dan ghaliex minhabba dak premess hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw tali xoljiment, b’dan li konsegwenza ta’ l-istess din il-Qorti qeghda skond il-ligi tordna li r-Registratur tal-Qorti sabiex jaghti l-avviz ta’ xoljiment ta’ l-istess indikati socjetajiet intimati lir-Registratur fi zmien 15-il gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni u ghal dan l-iskop tordna komunika ta’ din id-decizjoni lir-Registratur tal-Qorti u din il-Qorti tinnomina bhala stralcarju lil Dr. Tiziana Filletti li ghandha tipprocedi

skond il-ligi a bazi tad-disposizzjonijiet tal-**Kap 168 tal-Ligijiet ta' Malta** u a spejjez ta' l-istess azzjonisti ta' l-istess socjetajiet u *partnerhsip* fil-gradi hawn indikati kwantu ghal terz ghar-rikorrenti, u kwantu ghal terz ghal Anthony u Celine konjugi Magri u kwantu ghal terz iehor ghal Stephen u Mary Grace Magri."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Stephen Magri u ta' Mary Grace Magri li, in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti:
"joghgobha (i) timmodifika s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-31 ta' Mejju 2007, fil-kawza fl-ismijiet premessi billi (a) tirrevokaha in kwantu hija cahdet ir-risposti ta' l-intimati (kompriza dik ta' l-appellanti) u laqghet it-tielet talba kif kontenuta fir-rikors promotur u nnominat lil Dr. Tiziana Filletti bhala stralcarju tas-socjetajiet hemm imsemmija, (b) tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel zewg talbiet kontenuti fir-rikors promotur, u (ii) tilqa' ir-risposti ta' l-intimati (kompriza dik ta' l-appellanti) u tichad it-talbiet kollha ta' Emanuel sive Noel Magri kif kontenuti fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

Rat ir-risposta ta' Emanuel sive Noel Magri, u Anthony u Celine konjugi Magri ghall-appell interpost minn Stephen u Mary Grace Magri li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu c-cahda ta' l-appell interpost u l-konferma tad-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet li dehru ghall-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2007;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza bbazata, fuq l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaghti l-fakolta` lil kull membru ta' kumpanija jitlob direttiva mill-Qorti dwar l-andament tal-kumpanija meta l-affarijiet tal-kumpanija

jkunu qed jitmexxew b'mod mhux gust jew diskriminatorju ghal xi membru tal-kumpanija jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.

Dan l-artikolu in kwistjoni gie trattat minn din il-Qorti f'zewg sentenzi ricensuri, wahda fl-ismijiet **Vella v. Vella Brothers Ltd et**, deciza fid-9 ta' Marzu 2007, u l-ohra fl-ismijiet **Ellul v. Ellul pro et noe**, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003. Fiz-zewg kawzi, din il-Qorti analizzat it-tifsira u l-iskop ta' dan l-Artikolu, specjalment meta si tratta ta' kumpaniji zghar privati li ta' sikwit jissejhu "*quasi partnerships*" fejn l-"*underlying personal relationship*" tas-socji tkun wahda qawwija. Din il-Qorti, ghal fini ta' din is-sentenza, taghmel referenza ghall-imsemmija zewg decizjonijiet precedenti taghha ghal skop ta' studju dwar l-interpretazzjoni u l-effett ta' dak l-artikolu. Li jista' jizdied hu li fid-dawl tad-decizjoni tal-House of Lords fl-Ingilterra fil-kaz **O'Neill v. Philips**, deciza fl-1999, m'ghadux "good law" li ssir enfazi fuq il-"*legitimate expectations*" tal-membru li jkun qed jinvoka dan ir-rimedju. Fil-ktieb ta' Brenda Hannigan, **Company Law** (Butterworttis, 2003 Ed. pagna 416) jinghad hekk fuq dak li jrid jigi muri biex tirrizulta kondotta pregjudizzjevoli ghall-membri tal-kumpanija:
"In particular, the House of Lords took the opportunity in *O'Neill* to reject the reliance on 'legitimate expectations' which had become a prominent element of the case law on CA 1985, s459 prior to this decision. Petitions were being brought effectively on the basis that a petitiner was aggrieved that (what he perceived to be) his legitimate expectations as to the conduct of the company's affairs had not been met. For example, in *O'Neill* the petitioner (who held 25% of the shares) felt that he had 'legitimate expectations' to 50% of the shares in the company and to 50% of the profits although he could establish no entitlement in law or equity to such equality. Lord Hoffmann in *O'Neill* noted that he himself had used the phrase 'legitimate expecations' in *Re Saul D Harrison & Sons plc*, but he conceded that this use was probably a mistake.

The result is that it is not sufficient to found a petition under CA 1985, s459 simply to plead a denial of a 'legitimate expectation' in this fashion. Instead, Lord Hoffmann (who gave the sole opinion in the case) concluded that a member will not ordinarily be entitled to complain of unfairness unless there has been:

(i) some breach of the terms on which he agreed that the affairs of the company should be conducted; or

(ii) some use of the rules in a manner which equity would regard as contrary to good faith - i.e. cases in which equitable considerations make it unfair for those conducting the affairs of the company to rely upon their strict legal powers."

It-tieni kriterju hu pjuttost wiesgha, u jinvolvi analizi ta' dak li huwa sewwa u tajjeb li kellu jsir, partikolarment meta si tratta ta' kumpanija, bhal dawk meritu ta' din il-kawza, bazata fuq relazzjoni personali ta' bejn id-diretturi li tkun tinvolvi fiducja reciproka. Kumpaniji ta' din ix-xorta huma msejsa fuq "understandings" reciproci, li, skond l-awtrici **Hannigan** (ibid., pagna 421)
"will relate to participation in the management of the company, financial returns, and as to the nature of the venture on which the parties have embarked and the petitioner's complaint will be that the respondents have acted in respect of these matters in a manner which equity would regard as unfair."

Kwindi, dak li jkun irid jigi analizzat hija l-kondotta tad-direttur konvenut fil-kuntest tal-maneggjar tal-kumpanija, tal-finanzi u ta' l-iskop ghal holqien taghha, bil-kriterju ta' dan l-ezami jkun wiehed oggettiv. Mhux mehtieg li jigi ppruvat li d-direttur agixxa in mala fede, jew b'intenzjoni diretta li l-membru l-iehor jigi trattat b'mod mhux sewwa, izda li jrid jintwera li bhala fatt l-agir kien wiehed mhux sewwa fic-cirkostanzi.

Peress li l-konvenuti allegaw li d-direttur attur ma kellux dritt iressaq din it-talba ladarba hu wkoll ma agixxiex

dejjem b'mod korrett, tajjeb li ssir referenza ghal dak li qalet l-awtrici **Hannigan** (ibid., pagna 414), fis-sens illi
"there is no requirement that the petitioner come with clean hands but his conduct will be relevant in the sense that it may mean that the conduct of which he complains though pregudicial is not unfair or it may affect the remedy which the court is willing to grant."

L-ewwel Qorti f'din il-kawza ghamlet analizi u studju dettaljat tac-cirkostanzi ta' fatt li wasslu lir-rikorrenti jippromwovi din l-azzjoni. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza, tara li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-kondotta tal-partijiet f'relazzjoni ma' xulxin meta qieset li ma jidhirx li hu aktar possibbli li s-socji jkomplu jahdmu flimkien.

Jirrizulta mill-provi, per ezempju, li d-disgwid beda ftit wara li l-partijiet iddecidew li jergghu jibdew joperaw bi shab wara qasma li kienu ghamlu fl-1999. L-intimati bdew sistematikament jivvutaw kontra kull proposta mressqa mir-rikorrent, u biex "jehilsu minnu" minn taht ghajnejhom, ir-rikorrent gie ordnat jaghmel xoghol ta' salesman f'wiehed mill-hwienet taghhom. Hemm ammissjoni mill-intimati li l-affarijiet mhux sejrin sew, tant li Anthony Magri jghid li ma jistghux jaqblu anke fuq affarijiet bazici, bir-rizultat li n-negozju gie stagnat. Il-partijiet, minhabba dan in-nuqqas ta' qbil, qed ikollhom ta' sikwit jirrikorru l-Qorti ghal direzzjoni u/jew decizjoni, bir-rizultat li fl-2005, il-business tal-kumpaniji kien anqas tajjeb mis-soltu. Minhabba dan id-dizgwid, l-intimat Stephen Magri qal li mhux behsiebu jinvesti aktar fil-kumpanija, u da parti ta' dan jidher li tilef kull fiducja fir-rikorrent, partikolarment meta tqis li hu mhux qed jithallas ghal xoghlu. Il-kotba tal-kumpaniji jinsabu fi stat ta' abbandun u l-accounts tal-kumpaniji ta' l-ahhar erba' snin ma sarux u dan qed jikkreja problemi mal-bank, u anke ghalihom personali. Irrizulta wkoll li fl-ahhar *board meeting* li d-diretturi attendew personalment, huma gew fl-idejn, u wara illi ttiehdu passi kriminali fil-konfront tat-tlett diretturi, il-Qorti tal-Magistrati ordnat illi dawn ma kellhomx ikellmu lil xulxin!

Inqalghet problema kbira bejn is-socji meta l-intimati allegaw konkorrenza sleali da parti tar-rikorrent meta ha l-agenzija ta' ditta estera "Women's Secrets" in kompetizzjoni ghan-negozju li jwettqu flimkien (importazzjoni u bejgh ta' hwejjeg). Hu ammess li din l-agenzija hadha r-rikorrent tramite t-tfajla li kellu dak iz-zmien, izda r-rikorrent u Stephen Magri wahhlu f'xulxin ghaliex din l-agenzija ma ttiehditx mill-kumpaniji taghhom. Dan kompla zied it-tilwim bejn id-diretturi.

Din il-Qorti taqbel mar-reassunt li ghamlet l-ewwel Qorti meta osservat li n-nuqqas ta' fiducja reciproka
"wassal ghal sensiela ta' azzjonijiet minn azzjonista kontra l-iehor, inkluz l-eskluzjoni tar-rikorrenti mill-posizzjonijiet li kien jokkupa fl-istess socjetajiet, nuqqas ta' trasperanza fl-operat tal-partijiet bhala diretturi tas-socjetajiet indikati, nuqqas ta' hlas ta' somom lill-azzjonisti u partikolarment lil Stephen Magri, nuqqas ta' prezentazzjoni ta' *audited accounts*, nuqqas ta' osservanza ta' proceduri tal-kumpanija, disgwid kontinwu waqt il-*board meetings*, meta l-istess jattendu, bdil ta' alleanzi, u wkoll nuqqas ta' ippjanar fl-istess negozji li jgestu l-istess socjetajiet u dan peress li ntilfet kull fiducja li hemm bejn l-azzjonisti u l-interess tas-socjeta` ma ghadux l-iskop ta' kull azzjonist, b'dan li huwa car li kull azzjonist, inkluz ovvjament ir-rikorrenti qed isofri pregudizzju serju u ma hemmx dubju li dan kien il-kawza ghaliex gie pprezentat ir-rikors odjern."

Bil-mod li d-diretturi qed joperaw, billi kull wiehed minnhom jaqdef ghal rasu, qed jinholoq pregjudizzju lilhom infushom, u peress li issa spiccat il-fiducja reciproka, ma jirrizultax li huma qed jagixxu in bona fede fl-interessi tal-kumpaniji. Hu car li da parti ta' l-intimati diretturi kien hemm agir mhux sewwa fil-konfront tar-rikorrent, u sussegwentement intilfet il-fiducja reciproka b'mod li hadd ma hu qed jafda lil hadd u l-kumpaniji huma stagnati.

Din il-Qorti tinnota li c-cirkostanzi ta' dan il-kaz jattaljaw ma' dawk tipici li wiehed soltu jsib f'applikazzjoni ta' dan ir-rimedju. L-awtrici **Hannigan** (ibid., pagna 412) tosserva li l-elementi tipici li jirrizultaw meta socju jitlob rimedju taht l-

Artikolu 459 tal-ligi Ingliza (ekwivalenti ghall-Artikolu 402 tal-Ligi Maltija) huma,
"the small number of participants in the company, the combined roles as shareholders and directors, the short time span before the parties fall out, the exlusion of one or more of the participants, the level of personal disagreement and the resort to the court for relief."

Dawn huma kollha elementi li jissussistu f'din il-kawza.

Fid-dawl tac-cirkostanzi, u l-partecipazzjoni tal-partijiet kollha fl-istagnar ta' l-operat tal-kumpaniji, il-Qorti taqbel ukoll mar-rimedju adoperat mill-ewwel Qorti.

Fejn din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti hu fejn din ipprovdiet ghax-xoljiment ukoll tas-socjeta` *en nom collectif* **Magri & Zammit**, u dan peress li rimedju fil-konfront ta' din is-socjeta`, fil-fatt ma ntalabx, u f'kull kaz, ir-rimedji mitluba taht l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpanija mhux applikabbli ghal kaz ta' socjeta` *en nom collectif*. Dak ir-rimedju hu moghti lil membri ta' "kumpanija", u skond l-Artikolu 2 ta' l-Att, il-kelma "kumpajija" tfisser kumpanija b'responsabbilita` limitata. Kwindi a bazi tat-talba kif formulata, din il-Qorti ma tistax tipprocedi biex tordna x-xoljiment ta' din is-socjeta` *en nom collectif*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tilqghu biss in parte u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss li tikkonferma dak kollu li ddecidiet fil-konfront tat-tlett kumpaniji intimati, izda tirrevokaha ghal dak li ddecidiet fil-konfront tas-socjeta` *en nom collectif* **Magri & Zammit**; l-ordni moghtija lir-Registratur tal-Qorti mill-ewwel Qorti ghandha tigi esegwita fi zmien 15-il gurnata mil-lum.

L-ispejjez tal-procedura fi prim istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk relatati mal-procedura quddiem din il-Qorti ghandhom jithallsu mill-appellanti Stephen Magri u Mary Grace Magri *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------